**Kif ħrabtilna**

(Lil ħuna Kapuċċin Patri Godfrey Zarb li ħalliena ħesrem nhar il-Ħamis 31 t'Awwissu 2023 fil-Knisja tas-Salib Imqaddes fil-Furjana)

Kif ħrabtilna għażiż ħuna
Ħrabt fil-bogħod u ma lħaqnikx,
Bl-għaġla kbira lebbitt sieket
Ħrabt, "kif int?', ma staqsejnikx.

Biss fil-ħarba kbira tiegħek
Rajt qalbek hemm magħġuna,
Ma' dak Kirstu li tant ħabbejt
B'dik l-imħabba miġnuna.

Li wasslitek tħalli kollox
Biex timxi wara Ġesù,
Imżejjen bil-voti mqaddsa
Imsaħħaħ minn Franġisku.

Għext fil-belt tal-kbir wisq Dante
Bħalu ssaħħart mill-Mislub,
Salpajt tiġri lejn l-Afrika
Biex tressaqqlu ħafna qlub.

U wara żmien ta' tant ħidma
Il-Mulej ġabek f'artna,
Ħalli tissokta ħidmietek
Aħna lqajniek minn qalbna.

Kemm apprezzajtha dil-ħaġa
Tellajnik definitur,
l-għaliex fik rajna għajnuna
Dik qalbek bl-imħabba tfur.

Is-skiet ħelu tant għalliemi
Kien bħal fwieħa li xerridt,
U għemilek milli ħniena
Bil-gzuz fil-gzuz int berikt.

Nibqa' ngħożżok għażiż ħija
Naħseb fik faraġ inħoss,
Mort kif għext b'ħafna qdusija
Tagħmel il-ġid mingħajr ħoss.

Patri Mario Attard OFM Cap
1 ta' Settembru 2023

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.